MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 34 – 4 Leġiżlatura**

**l-Erbgħa 19 ta' Settembru 2024**

Il-Kunsill Reġjonali u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Viċi President Sindku Marsascala | Chev. Mario Calleja |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Stephen Grech |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Kunsillier Zejtun | Is-Sur Christain Attard |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |
| Kunsillier Gudja | Is-Sur Andrew Dalli |

| | |
|---|---|
| Kunsillier B'Buġia | Is-Sinjorina Rohasia Zammit |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Kap. Charmaine St John, Sindku Christian Sammut u Sindku Gianluca Falzon bagħtu ittra ta' apoloġija

ASSENTI

Ma kienx hemm membri assenti

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**34.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

34.1.1 Sindku Kap. Charmaine St John, Sindku Christian Sammut u Sindku Gianluca Falzon bagħtu ittra ta' apoloġija

**34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

34.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' tnejn u tletin (33) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

34.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat mil-Kunsillier Elke Sghendo, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

34.2.3 **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**34.2.3.1 Beda ix-xogħol fuq il-proġetti li ġejtu nfurmati waqt il AGM.**

Il-President informa li beda ix-xogħol fejn il-Quiz diġa ingħataw l-informazzjoni ta' Sindki ħalli l-orġanizzaturi jagħmlu kuntatt magħhom. Huwa kompla billi spjega kif ser ikun l-andament ta' dan il-quiz li jinkludi u Treasure Hunt b'tema edukativa. Huwa qal li Reġjun talab l-assitanza ta' nies professjonli u marufa f'dan il-qasam u talab sabiex il-lokalitajiet jagħdu kotba tal-lokalitajiet tagħhom ħalli tkun tista tinġabar l-informazzjoni. Dan il-proġett ser jinkludi l-lokalitajiet kollha

**34.2.3.2 Il-korijiet internazzjonali fil-knejjes madwar ir-reġjun**

Il-President spjega fejn ser issiru il-korijiet u liema knejjes ngħażlu għal din is-sena. Il-bliet u rħula oħra ser ikunu inkluzi sena oħra peress ma kienx possibli li j'attendu f'12 il-lokalita. Ir-reġjun ser ikun qed iħallas għal l-ispejjeż marbutin ma trasport tal-korijiet.

**34.2.3.3 Il-proġett caqlaq**

Il-president fakkar li għal proġett Caqlaq ser ikun hemm bzonn post fejn ser issir l-attività f'xitwa fejn wieħed jista' jospita l-attività. Dawn l-attivitajiet jistaw issiru fuq barra ukoll. Dan il-proġett ser ikun jinkludi drama u eżerċizzju. Ntbagħtet imejl lil Kunsilli sabiex jiġu id-identifikati il-postijiet .

**34.2.3.4 Il-Program dwar il-lokalitajiet mill-Għatba'l Barra**

Il-President qal li l-programm mill-Għatba 'l barra beda jixxandar fuq il-PBS u qed jinkludi nformazzjoni dwar it-tnax il-lokalita ta' Reġjun

34.2.4 **Servizzi ta' l-uffiċjali Maniġerjali u l-Inġinier**

Il-President spjega li kif il-Kunsill ġie infurmat dwar rwoli tal- uffiċjali maniġerjali dawn qed ikomplu biex xogħolijiet tagħhom. Il-Kunsilliera Elke Sghendo staqsiet dwar il-formola fuq nformazzjoni tal-ħamiem. Il-President qal li din kienet ntbagħtet li kunsilli. Huwa irringrazzja li Sindku ta' B'Buġa ta' sehem tiegħu f'kitba ta' din l-applikazzjoni.

Waqt dan l-overview ta' xogħolijiet li jsirru mil-manigers huwa tkellem dwar l-andament fuq il-kuntratt ta' ġbir ta' l-iskart.

34.2.5 **l-applikazzjoni GalXlokk**

Il-president stieden l-Segretarju Eżekuttiv sabiex tagħti rendikont ta' din l-applikazzjoni. Hija nfurmat li Segretarju tal-GalXlokk kien informa li peress li żewġ kunsill Marsaskala u Ħal-Luqa kienu applikaw għal l-istess miżura ma setgħux ikunu pparteċipaw ukoll f'dan il-proġett allura kienu ser jitneħħew ħalli ma jitilfux iċ-ċans fuq il-proġett li applikaw għalih f'isem il-Kunsill tagħhom b'mod individwali.

**34.3 Komunikazzjoni mill-president;**

34.3.1 **European Network of Holyweek and Easter Celebrations**

Il-President informa li matul Ottubru bħala parti min European Network of Holyweek ser inkun hawn postijiet f'Żejtun u Ħal-Qormi li ser ikunu miftuħin għal persuni li għandhom interess fil-attivitajiet marbuta mal-Ġimgħa il-Kbira. Dawn il-postijiet ser ikunu qed jesibixxu wirjiet tal-Ġimgħa Imqaddsa. Il-president kompla jispjega kif diġa ġie infurmat il-Kunsill, ir-Reġjun huwa membru ta' dan in-Network u b'hekk il-lokalitajiet ikunu jistaw ikunu jaqsmu l-istorja u l-attivitajiet li issiru fuq sfera internazzjonali

**34.4 Skeda ta' Pagamenti;**

34.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 08/24A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Il president qal li kienu qed jingħadu il pagamenti lil Kunsill ta' Marsaxlokk mill l-skema ta' latrini, u mill skema tal- lesa qed jingħadu pagamenti lil Kunsill ta' Ħal-Qormi, B'bugia u Marsaskala,

34.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Elke Cassar Sghendo u sekondat Kunsilliera Andrew Dalli il-kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija

34.5 **Rapporti**

34.5.1 **Rapport Amministrattiv u Finanzjarju 2023**

Il-President informa li kien qed jippreżenta ir-Rapport Amministrattiv u Finanzjarju 2023 li ġie preżentat nhar il-Erbgħa 11 ta' Settembru 2024 waqt il-Laqgħa annwali li telgħat fil- Ġnien l-għannejja, Triq id-daħla ta' San Tumas, Żejtun. Huwa kompla billi irringrazzja li Sindku ta' Żejtun ta' l-ospitalità u lil dawk kollha li attendew.
Il-Kunsill approva rapport b'mod unanimu

34.6 **Item: Immaniġġjar ta' struttura kontenituri ta' l-iskart**

Il-President spjega li l-istruttura tal- kontenituri ta' l-iskart ser tkun tista' li ġiet varata waqt il-laqgħa annwali ser tkun tista' tintuża mill-Kunsilli waqt l-attivitajiet tagħhom. Huwa tenna li din l-istruttura wieħed jarmha u jzarmha, iżda importanti li l-Kunsill jieħu ħsieb li jkun hemm persuna responsabbli li tara li tingħata lura l-Reġjun nadifa mil-iskart. Ir-Reġjun kien qed ifittex li jagħmel arranġament ma Clean Malta ħalli tinżamm fl-stores tagħhom kif għandhom arranġament simili ma Reġjun il-Lvant. Importanti li meta jarmha din l-istruttura tinżamm f'post milħuq min CCTV camera.

Il-Kunsill qabel.

**Affarijiet Oħra**

34.7.1 Il-Viċi President staqsa jekk hux ser ikun hemm għajnuna għal attivitajiet tal-Milied. Il-President spjega li qed naraw is-sitwazzjoni finanzjarja u ser ikunu nfurmati iktar il-quddiem

34.7.2 Il-Kunsillier Elke Sghendo talbiet jekk hux possibbli li tkun taf kemm intefqu flus fl-iskart min sena għal oħra għal din sena. Il-president spjega li l-ammonti qedin f'distribution sheet li tintbagħat

34.7.3 Is-Sindku Karl Boxall qal li residenti qed jigħdu li jixtiequ li l-borża sewda tiżdied il-ġranet tal-ġabra tagħha. Il-President fakkar li l-iskeda qeda fuq bażi nazzjonali u ma tistax tinbidel jekk ma tinbidilx il-liġi. Huwa tenna li jekk issir separazzjoni ta' l-iskart mhux suppost tkun ta' problema il-borza sewda

34.8 **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

34.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal il-Ħamis 23 ta' Ottubru 2024

Konfermati llum 23 ta' Ottubru 2024____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv